**Darba waħda kien hemm tajra …**

Darba waħda kien hemm tajra li sidha kien jismu Charlie, tifel ta' għaxar snin. Dan kien jieħu ħsiebha ħafna u qatt ma għamlilha xi ħsara. Kull meta kien ikun jum bir-riħ kien joħodha għal dawra fl-arja.

Għodwa fost l-oħrajn, meta kien riħ qawwi, Charlie ddeċieda li jieħu t-tajra għal dawra. Ir-riħ kien qed jonfoħ ġmielu u fi ftit minuti t-tajra kienet qiegħda fl-arja. Charlie kien qed jieħu ħsieb itawwal l-ispaga biex it-tajra tibqa' ttir, x'ħin f'daqqa waħda l-ispaga nqatgħet. Ir-riħ ħa t-tajra bil-bogħod u Charlie ma setax jaqbadha.

It-tajra bdiet tara l-ibliet u l-irħula Maltin kollha. Rat il-kampanja, il-bajjiet, l-għoljiet, l-għerien, l-irdumijiet u l-widien kollha ta' Malta. Ir-riħ ħa lit-tajra fuq Għawdex ukoll. Rat il-famużi tempji tal-Ġgantija, l-Għar Kalipso kif ukoll il-bajja sabiħa tar-Ramla l-Ħamra. Ir-riħ fl-aħħar beda jgħejja, u waqqa' lit-tajra fuq il-Ġebla tal-Ġeneral. It-tajra rat l-Għerq Sinjur u fjuri sbieħ u żgħar b'kulur roża. Ftit jiem wara, ir-riħ reġa' ħadha lura Malta, fejn sabet lil Charlie jistennieha.

It-tajra bdiet tgħidlu bl-affarijiet kollha li rat, li semgħet u li ħasset. Waqt li kienet qiegħda tgħidlu, Charlie kien qed jirranġaha u jnaddafha. Ħa ħsieb ukoll li l-ispaga tkun b'saħħitha.

It-tajra staqsiet lil Charlie jekk kienx emminha. Hu weġibha billi ħares ċass lejha u qalilha li kien jemmen dak kollu li qaltlu, għax ir-riħ li ħadha kien ir-riħ ta' l-Esploraturi.